MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Numru 363/2004

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Grech)

vs

Robert Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 540381M, akkuzat talli matul ix-xaghar ta’ Dicembru 2003 u fix-xhur ta’ qabel dawn id-dati f’dawn il-Gzejjer:

1. xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa fil-forma ta’ senter tal-marka Fausti b’numru ta’ serje 48841 li jiswa aktar minn Lm100 pero’ anqas minn Lm1000, mehud b’qerq jew akkwistat b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex imexxih;

2. minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;
3. gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri, senter tal-marka Fausti b'numru ta' serje 48841 jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenza, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz;

Il-Qorti mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenza tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn sena.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Trattata l-ewwel imputazzjoni: hi tinkwardra fir-ricettazzjoni li skont l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali hu hati "kull minn f'Malta jilqa' ghandu jew jixtri, hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement , b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom".

Jibda biex jinghad li l-kawza tirrigwarda senter tal-marka 'Fausti' numru serjali 48841. Mix-xhieda mismugha jirrizulta li dan is-senter kien f'xi zmien proprjeta' u licenzjat fuq certu Joseph Dalli li kien fit-13 ta' Mejju 1999 irrapurtah misruq (dok.MB – folio 39). Sussegwentement ix-xhud Kevin Aquilina jistqarr li kien sab dan is-senter gewwa ghalqa f'Benghajsa u nnegozajh mal-imputat. Dan ix-xhud spjega illi in-negozju sar billi hu ha xi senter li kien

tal-imputat, u debitament registrat, u in kontrakambju lill-imputat tah Lm40 fi flus kontanti u l-imsemmi senter li kien sab fl-ghalqa. Jghid ukoll dan ix-xhud li saru l-proceduri tat-trasferiment fuq is-senter li kien ha minghand l-imputat waqt li fuq is-senter, meritu il-proceduri, kien gharfu li mhux licenzjat tant li ebda proceduri ta' trasferiment minn fuq ismu ghal fuq isem l-imputat ma saru.

Mill-istqarrija tal-imputat, ikkonfermata minnu filwaqt li ghazel li jixhed, hu ikkonferma l-fatti saljenti dwar is-senter li kien jaf li s-senter ma kienx licenzjat izda li ma kienx hass il-bzonn ikun jaf minn fejn Kevin Aquilina kien gab is-senter. Zied li s-senter kien bieghu ghall-prezz ta' Lm70 lil certu Brady.

Li ghandha tghid il-Qorti hu li fuq ix-xhieda prodotta ftit jew xejn hu rilevanti dak li segwa in-negozju bejn l-imputat u Aquilina. Jirrizulta li bhala fatt l-imputat ha, anzi akkwista, s-senter minghand Aquilina u x'ghamel bih fis-sens li innegozjah ma' terzi hu ta ftit importanza. Invece, dak li din il-Qorti tqies rilevanti hu li meta l-imputat akkwista is-senter u effettivament ha l-pusess tieghu f'idejh ghazel li jiehdu minghajr minimament accerta ruhhu fuq il-provenjenza legittima tieghu meta kien gie mgharraf li ma kienx licenzjat. Fil-kuntest tar-ricettazzjoni l-element intenzjonali fir-ricettatur bhala pre-rekwisit tar-reat jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf jew mic-cirkostanzi kien messu ragjonevolment ikun jaf li l-oggett li ser jakkwista ghandu provenjenza illegittima; voldieri, li x-xjenza fir-ricettatur tista' anka tigi desunta mic-cirkostanzi - cirkostanzi f'dan il-kaz li messhom allertaw lill-imputat dwar il-perikolu li l-oggett ma kellux provenjenza legittima. Il-fatt li ntqal lill-imputat li ma kienx illicenzat jew registrat kien, fil-fehma tal-Qorti, sufficjenti u reat 'per se' li wahdu kien jippreklludih li "jindahal biex ibieghhom jew imexxihom".

Ikkonsidrat:

Dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet: mix-xhieda recepita mill-atti dawn ghandhom jirrizultaw. Huwa fatt cert li s-senter f'kull kaz nzamm "barra minn fond jew post li jaghmel mieghu"; wkoll filwaqt li l-imputat gie fil-pussess

tieghu naqas li jaghti avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Dwar il-piena: ghandha treggi u tigi applikata l-piena fid-data tal-kommissjoni tar-reat/i li fic-cirkostanza, wkoll billi hi l-aktar favorevoli ghall-imputat, hi dik komminata fil-Kap 66 ossija l-Ordinanza dwar l-Armi li giet sostitwita bil-Kap 480 ossija l-Att dwar l-Armi.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi ssib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 334(b) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3(1A), 9(1) u 19 tal-Kap 66. Tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendi ghall-sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tordna l-konfiska tas-senter.

Rat l-Artikolu 28(4) tal-Kap 9 u qeghdha tispjega lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------